*Dizeredazzjoni; siwi testment; Kalkolu ta' legittima*
*Art 622, 629, 631,633A, 636 Kap 16;*
*Art 48 u 52 tal-Kodici Civili,wara l-mewt ta' konjugi f'kawza ta' separazzjoni*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Novembru, 2017**

**Numru 1**

**Citazzjoni Numru 173/05 TA**

**Mary Schembri, armla minn Joseph Schembri, f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem f'isem bintha minuri Maria Schembri; Vincent Schembri u Godwin Schembri u b'digriet tas-6 ta' Gunju, 2017 Maria Schembri mizzewga Bonavia giet awtorizzata tassumi l-atti f'isimha proprju stante li saret maggorenni**

**vs**

**Dennis Schembri, Mary Smith u Godwin Schembri**

**Il-Qorti:**

Rat ic-Citazzjoni tal-Atturi prezentata fis-17 ta' Frar 2005 u mahlufa minn Mary Schembri fl-istess data li permezz taghha talbu s-segwenti:-

"Peress illi fit-22 ta' Awissu 2003, miet Joseph Schembri, ir-ragel ta' l-Attrici Mary Schembri u missier l-Atturi l-ohra, skond ma jidher mic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok "A";

Peress illi qabel il-mewt tal-imsemmi Joseph Schembri, kien hemm bejn il-konjugi Schembri, proceduri ghas-separazzjoni personali pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Citaz. Nru. 1625/99 RCP) liema proceduri qatt ma gew determinati finalment skond Dok "B" hawn anness;

Peress illi b'testment ricevut minn Nutar Dottor Ruben Casingena fis-6 ta' Marzu 2003 li kopja legali tieghu huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok "C", (li skond ricerki testamentarji hawn annessa u mmarkati Dok "D" u Dok "E" huwa l-ahhar testment tal-imsemmi Joseph Schembri) it-testatur filwaqt li rrevoka u annulla kwalsiasi testment iehor tieghu precedenti iddispona minn gidu ghal wara mewtu billi:-

a) iddizereda lil uliedu kollha l-Atturi Godwin, Vincent u Maria ahwa Schembri, u dan (skond it-tieni Artikolu tal-imsemmi testment) a tenur tal-paragrafi (d) u (e) ta' l-artikolu (erroneament indikat bhala) l-Artikolu 632 tal-Kodici Civili;

b) hatar bhala eredi universali u padruni assoluti tal-gid kollu tieghu f'isma ugwali bejniethom lill-konvenuti bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom f'kaz ta' premorienza;

c) iddikjara li minn sehemu minn kull somma li tista' tithallas mill-Forzi Armati ta' Malta ghandha tigi percepita mill-konvenuti biss ad eskluzjoni ta' l-Atturi;

d) ordna li minn sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti l-Attrici Mary Schembri ma tibenefika minn ebda persentagg minhabba il-mod li bih ittrattatu u minhabba l-mod kif istitwit il-proceduri ta' firda legali;

Peress illi d-disposizzjoni ta' diseredazzjoni tmur kontra l-provvedimenti ta' l-Artikolu 622 tal-Kap 16 billi ma giex citat l-artikolu relevanti u konsegwentement l-Artikolu 2 tat-testment fuq imsemmi ghandu jigi dikjarat null u bla effett. Illi fi kwalunke kaz, u jekk il-Qorti jidhrilha li gew rispettati r-rekwiziti tal-ligi, biss ir-ragunijiet moghtija ghad-diseredazzjoni ma jigux sostanzjati, ghandhom jigu applikati l-provvediment ta' l-Artikolu 629 tal-Kap 16 fil-konfront ta' l-Atturi Godwin, Vincent u Maria ahwa Schembri billi tigi likwidata favur taghhom il-legittima skond il-ligi;

Peress illi d-disposizzjoni dwar l-eskluzjoni mill-partecipazzjoni ta' l-Attrici u uliedha l-Atturi l-ohra, fis-sehem tad-decujus minn kull somma li tista' tithallas mill-Forzi Armati ta' Malta tilledi ukoll id-drittijiet ereditarji ta' l-Atturi;

Peress illi r-raba artikolu tal-imsemmi testment jilledi l-provvedimenti ta' l-Artikolu 631 u 633A tal-Kodici Civili billi ma hemm ebda raguni valida ghall-imsemmija eskluzzjoni kif preskritt fl-artikolu 636 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti:-

1) ghaliex m'ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti bhala null u bla effett l-artikolu tnejn (2) tat-testment ta' Joseph Schembri tas-6 ta' Marzu, 2003 in kwantu dan imur kontra l-provvedimenti tal-Ligi stante li ma giex citat l-artikolu relevanti;

2) ghaliex – fil-kaz li l-artikolu tnejn (2) fuq imsemmi ma jigix dikjarat null – m'ghandhiex din il-Qorti previa dikjarazzjoni li r-raguni ta' diseredazzjoni ma hijiex gustifikata, tiddikjara li l-Atturi Vincent, Godwin u Maria ahwa Schembri huma ntitolati ghal-legittima fuq l-assi ereditarju tal-mejjet Joseph Schembri;

3) ghaliex konsegwentement m'ghandhiex tigi likwidata l-legittima hekk dikjarata dovuta u assenjata lill-imsemmija Atturi, ahwa Schembri;

4) ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddikjara nulla u bla effett it-tieni parti ta' l-artikolu tlieta (3) tal-imsemmi testment billi l-ammont li jista' jigi percepit mill-assi ereditarju tal-mejjet Joseph Schembri mill-Forzi Armati ta' Malta jifforma parti mill-kommunjoni ta-akkwisti ezistenti bejn id-decujus u martu l-Attrici Mary Schembri, u konsegwentement ghandu jigi kunsidrat ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-legittima spettanti lill-Atturi ahwa Schembri fuq imsemmija u li inoltre jigi dikarat li l-istess Attrici Mary Schembri ghandha d-dritt ta' uzufrutt fuq nofs l-ammont hekk dikjarat dovut lill-assi ereditarju tal-mejjet Joseph Schembri;

5) ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddikjara null u bla effett ir-raba (4) artikolu tal-imsemmi testment billi dan, in kwantu jeskludi lill-Attrici minn kull dritt spettanti lilha fuq sehem id-decujus mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, jilledi d-drittijiet tal-istess Attrici Mary Schembri kif jipprovdu l-Artikolu 631 u 633A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) ghaliex finalment m'ghandhiex tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-konjugi Schembri u sehem l-Attrici Mary Schembri jigi assenjat lilha.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-protest gudizzjarju pprezentat kontra l-konvenuti fit-13 ta' Ottubru 2004, tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom."

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-Konvenuti prezentata fit-22 ta' Marzu 2005 u minnhom mahlufa fl-istess data li permezz taghha wiegbu s-segwenti:-

"1. Illi l-ewwel talba Attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li ma hemm ebda raguni ghaliex l-artikolu 2 tat-testment mertu ta' dina l-kawza jigi dikjarat null u bla effett. Illi jigi rilevat illi l-artikolu 622 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrikjediex li l-artikolu rilevanti jigi citat izda tirrikjedi "*dikjarazzjoni maghmula ghaldaqshekk mit-testatur, ghal xi raguni msemmija f'dan il-Kodici, u li tkun imfissra fit-testment*". Illi huwa car u manifest li t-testatur xtaq li jiddezerida lil uliedhu minhabba swat da parti ta' uliedhu fil-konfront tieghu u/jew uliedhu kienu hatja ta' mohqrija lejh u kif ukoll minhabba l-fatt li huma setghu kienu hatja ta' offiza gravi fil-konfront tieghu. Dana jirrizulta ampjament mid-dicitura tat-tieni artikolu tat-testment mertu ta' dina l-kawza u jekk hemm xi nuqqas dana huwa attribwibbli ghal zball tal-pinna da parti tan-nutar Pubbliku;

2. Illi t-tieni talba Attrici hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li r-raguni ghad-diseredazzjoni hija gustifikata skond il-ligi u dana kif ser jigi pruvat ampjament fil-mori tal-kawza;

3. Illi b'konsegwenza ma hemmx legittima x'tigi likwidata u dikjarata dovuta ghall-favur tal-Atturi Maria Schembri, Vincent Schembri u Godwin Schembri u ghaldaqstant it-tielet talba hija ukoll infondata;

4. Illi r-raba talba Attrici hija fil-fatt maghmula minn tlett talbiet diversi u cioe (a) wahda sabiex it-tieni parti tal-artikolu 3 tat-testment mertu ta' dina l-kawza tigi dikjarata nulla u bla effett, (b) li s-somma percepibbli mill-Forzi Armati ta' Malta ghandha tigi kunsidrata ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-legittima spettanti lill-Atturi Maria Schembri, Vincent Schembri u Godwin Schembri; (c) jigi dikjarat li Mary Schembri ghandha dritt ta' uzufrutt fuq nofs l-ammont hekk dikjarat dovut lill-assi ereditarji tal-mejjet Joseph Schembri. Illi dina r-raba talba jisthoqqilha eccezzjonijiet diversi

u indipendenti u ghaldaqstant l-eccezzjonijiet segwenti numerati hames, sitta u sebgha jirrigwardaw ir-raba talba Attrici;

5. Illi l-ewwel talba kontenuta fir-raba talba Attrici (dik indikata bhala (a) fil-paragrafu ta' qabel dan) hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li ma hemm ebda raguni valida fil-ligi sabiex it-tieni parti tal-artikolu 3 tat-testment tigi dikjarata nulla. Illi dina t-tieni parti tal-artikolu 3 hija dikjarazzjoni konsegwenzjali ghall-ewwel parti tal-artiklu 3 li permezz taghha it-testatur innomina bhala eredi universali tieghu lill-konvenuti u kif ukoll konsegwenzjali ghall-artikoli l-ohra tat-testment li permess taghhom iddezerida lill-uliedhu u martu. Illi dina d-dikjarazjoni tal-Atturi kontemplata fit-testment mertu ta' dina l-kawza l-eskluzjoni taghhom mill-godiment tas-somma percepita mill-Forzi Armati ta' Malta hija wahda awtomatika.

6. Illi t-tieni talba kontenuta fir-raba talba Attrici (dik indikata bhala (b) fil-paragrafu 4 hawn fuq) hija wkoll infondata u fl-opinjoni tal-eccipjenti frivola. Illi huwa ovvju li f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti kellha tiddikjara li ulied il-mejjet huma intitolati ghall-legittima, sabiex jigi illikwidat dak il-porzjon dovut lilhom bhala legittima ghandu jigi inkluz fil-beni tal-mejjet Joseph Schembri dak kollu appartenenti lilhu u/jew percepibbli minnhu inkluz is-somma percepibbli minnhu minghand il-Forzi Armati ta' Malta;

7. Illi t-tielet talba kontenuta fir-raba talba Attrici (dik indikata bhala (c) fil-paragrafu 4 hawn fuq) hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt. Illi qabel xejn jigi rilevat illi sabiex dina it-talba tista tigi trattata kif misthoqq kien necessarju li issir talba lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-ammont percepibbli mill-Forzi Armati ta' Malta jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mejjet Joseph Schembri u l-Attrici Mary Schembri. Illi id-dritt ta' uzufrutt pretiz mill-Attrici Mary Schembri jippersisti biss f'kaz li dana ma jkunx gie eskluz mit-testatur ai termini tal-artikolu 636 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt fl-artikolu 4 tat-testment mertu ta' dina l-kawza it-testatur, b'mod esplicitu, eskluda lill-Attrici Mary Schembri milli tibbenefika minn xi percentagg u dana ghar-ragunijiet moghtija. Illi ghaldaqstant l-Attrici ma ghandha ebda dritt ta' uzufrutt fuq nofs l-ammont percepibbli mill-Forzi Armati ta' Malta u formanti parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Joseph Schembri;

8. Illi l-hames talba Attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi ma hemm ebda raguni valida fil-ligi ghaliex dina l-klawsola ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett. Illi r-raba artikolu tat-testment mertu ta' dina l-kawza huwa in konformita ma dak kontemplat mill-artikolu 636 subinciz (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jekk l-Attrici kellha xi pretensjoni hija kellha titlob li jigi dikjarat li l-eskluzjoni taghha ghar-ragunijiet imsemmija fit-testment ma kienux gustifikati u konsegwentement jigi dikjarat li l-eskluzjoni ma tapplikax. Certament li

it-talba appozita ma hijiex dik imressqa u ghaldaqstant ghandha tigi michuda;

9. Illi is-sitt talba Attrici mhux kontestata u wara li ssir il-likwidazzjoni is-sehem spettanti lill-mejjet Joseph Schembri jigi assenjat lill-konvenuti bhala eredi universali tal-istess Joseph Schembri;

10. Illi finalment jigi rilevat illi l-artikoli tal-ligi li issir riferenza ghalihom u li huma rilevanti ghall-kawza odjerna huma dawk ezistenti qabel l-1 ta' Marzu 2005, id-data meta dahlu fis-sehh ir-rimanenti emendi tal-Att XVIII ta' l-2004 permezz tal-avviz legali 48 ta' l-2005, u huma numerati kif kienu jezistu precedentement. Illi permezz tal-artikolu 116 tal-Att XVIII ta' l-2004 huwa espressament dikjarat illi l-emendi fl-artikoli rilevanti ghall-kawza odjerna ghandhom japplikaw ghall-successjonijiet li jsehhu wara li l-istess artikoli/emendi jingiebu fis-sehh.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** B'dawn il-proceduri l-Atturi qed jikkontestaw it-Tieni, it-Tielet u r-Raba Artikoli fit-testment tal-mejjet Joseph Schembri tas-6 ta' Marzu 2003 fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena (a` fol 8). Huma jsostnu li indipendentement minn dak li hemm imnizzel f'dan it-testment xorta ghandhom id-dritt li jippercepixxu l-legittima skont il-ligi mill-patrimonju ereditarju tal-mejjet Joseph Schembri.

**2.** Permezz tat-testment in kwistjoni, l-imsemmi Joseph Schembri ddispona minn gidu ghal wara mewtu billi in succint:-

i. Iddizereda lil uliedu Godwin u Vincent Schembri u lil Maria Bonavia neè Schembri lkoll **Anthony Mizzi et vs Alfred Cachia noe** citata supra f'din il-kawza "ghal ragunijiet indikati fil-Kodici Civili ta' Malta, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta proprju f'artikolu sitt mija u tnejn u tletin (632) paragrafi (d)(e).";

ii. Innomina bhala eredi universali lit-tlett hutu Dennis u Godwin Schembri u Mary Smith neè Schembri lkoll konvenuti f'din il-kawza. Ordna wkoll li sehemu mis-somma li jibbenefika bhala membru tal-Forzi Armati ta' Malta tinqasam ugwalment bejn it-tlett hutu msemmija filwaqt li "l-mara tieghu u uliedu m'ghandhom assolutament jibbenefikaw xejn minnha".

iii. Eskluda lill-martu Mary Schembri, wkoll Attrici f'din il-kawza, minn kwalunkwe beneficcji jew vantaggi li seta' kellha skont il-ligi "minn sehmu tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew minn dak kollu li jkollu fil-mument tal-mewt tieghu".

**Punti ta' Ligi**

**3.** Din l-azzjoni odjerna tirrigwarda l-Istitut tal-Legittima (illum sehem rizervat) u l-kawzi ta' dizeredazzjoni kif regolati bl-artikoli 615 et seq tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**4.** Joseph Schembri gie nieqes fit-22 ta' Awwissu 2003. Dan ifisser, li kif tajjeb issottomettew id-difensuri tal-Konvenuti ghandhom japplikaw l-artikoli msemmija kif kienu vigenti <u>qabel</u> ma dawn gew fis-sehh l-emendi bl-Att XVIII ta' l-2004 u hekk kif inhu espressament dikjarat fid-disposizzjoni transitorja *ossia* l-artikolu 116(2) tal-Att imsemmi ( ara fol 915).

**5.** Dan l-artikolu jaghmilha cara li l-emendi fl-artikoli tal-Kodici Civili ghandhom japplikaw "dwar successjonijiet li jsehhu <u>wara</u> li l-istess artikoli jingiebu fis-sehh" u ghalhekk ma jaffetwawx wirt li nfetah qabel dik id-data. Per konsegwenza, dak li ghandha quddiemha l-Qorti llum huwa wirt ta' din ix-xorta u cioe`, wirt li jirrisali ghal qabel meta dawn l-emendi gew fis-sehh.

**6.** Il-Qorti ghalhekk sejra tqis it-talbiet tal-Atturi fl-isfond ta' dawn id-dispozizzjonijiet kif artikolati qabel l-emendi ntrodotti bl-Att imsemmi.

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** Din il-Qorti tibda bil-premessa li l-Istitut tal-legittima, illum porzjoni riservata, huwa wiehed eccezzjonali ghall-poteri assoluti li ghandu padrun fuq il-propjeta` tieghu.

**8.** Din il-Qorti ghalhekk tafferma li l-Istitut tad-diseredazzjoni huwa eccezzjoni ghall-principju generali li fis-successjoni regolari, kemm bis-sahha tal-ligi posittiva u anke dik naturali, hemm persuni li huma aprijoristikament intitolati ghall-porzjoni riservata, fil-kaz odjern legittima, ta' dik il-parti li ma hijiex disponibbli tal-eredita' tal-mejjet. Din ma hijiex disponibbli ghaliex proprju taqa' f'dik il-parti tal-eredita` li hija konservata mil-ligi ghall-ghotja tal-legittima` jew porzjoni riservata skont kif ikun il-kaz. Ghalhekk dan l-istitut huwa limitazzjoni eccezzjonali ghad-dritt generali tas-sid tal-haga li jiddisponi minnha bl-aktar mod assolut.

**9.** Di fatti **Emidio Pacifici-Manzzoni** jghid is-segwenti dwar il-fondament tal-Istitut tal-porzjoni risvervata gja` leggittima fil-ligi taghna:-

> "Fra i limiti imposti dalla legge a cosi asssoluto diritto, v'ha quello di non poter disporre di tutti i beni a' titolo gratuito per testamento o per donazione;

quando il testatore o il donante lasci parenti in linea diretta, siano discendenti, siano ascendenti, o coniuge o figli di queste legalmente riconosciuti o dichiarati,. Allora a' favore di queste persone deve riservare una parte de'suoi beni. Questa riserva ha , in generale, lo stesso fondamento della succesione; cioe' vincolo di parentela, doveri morali, officio di pieta' e riguardi d'ordine pubblico." **(Istituzioni di Diritto Civile Italiano Vol IV; para 113 ; pg 167 ; Ed Firenze fratelli Cammelli 1872.)**

**10.** Permezz tal-ewwel talba talba Attrici, l-Atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara null u bla effett l-Artikolu Tnejn tat-testment, permezz ta' liema Joseph Schembri ddezereda lit-tliet uliedu, "*inkwantu dan imur kontra l-provvedimenti tal-Ligi stante li ma giex citat l-artikolu relevanti*" u dan ghaliex fit-testment hemm citat l-artikolu 632 (d) u (e) flok l-artikolu 623(d) u (e) tal-Kodici Civili.

**11.** Issa l-artikolu 622 tal-Kodici Civili jimponi l-obbligu fuq it-testatur li jrid jiddizereda lid-dixxendenti fis-sens li jcahhadhom mill-jedd tal-legittima moghtija bis-sahha ta' l-artikolu 615 tal-Kodici Civili, li jsemmi r-raguni ghad-dizeridazzjoni fit-testment "*b'dikjarazzjoni maghmula ghaldaqshekk mit-testatur, ghal xi raguni msemmija f'dan il-Kodici u li tkun imfissra fit-testment*".

**12.** Aktar minn hekk, l-artikolu 625(1) tal-Kodici Civili jishaq fuq l-obbligu li "*dak li jsostni d-dizeredazzjoni*", f'dan il-kaz il-Konvenuti, jrid jgib il-prova tar-raguni tad-dizeredazzjoni moghtija mit-testatur.

**13.** F'kaz li xi wiehed minn dawn l-obbligi ma jigux ezegwiti, jiskattaw l-effetti tal-artikolu 629 li jiddisponi hekk:-

> "*Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raguni li ghaliha wiehed ikun gie dizeredat, jew ma tigix ippruvata, id-dizeredat ghandu jedd ghal-legittima biss*".

**14.** Ifisser ghalhekk, li t-tismija preciza tal-artikolu ma hiex daqstant importanti, daqs kemm hija essenzjali t-tismija tar-raguni ghad-dizeredazzjoni. Anzi, din il-Qorti tmur lil hinn minn hekk. It-tismija tal-artikolu ma hiex komminata mil-ligi taht piena ta' nullita`. L-obbligu li timponi l-ligi sabiex it-testatur ikun jista' jiddizereda lid-dixxendenti tieghu m'huwiex li jiccita l-artikolu rilevanti izda li jsemmi wahda mir-ragunijiet taht il-ligi.

**15.** B'dana kollu, minn ezami tal-atti jirrisulta b'mod car, li l-artikolu ma giex hekk citat korrettament bi zvista min-naha tan-nutar kif ammess minnu stess a` fol 464 tant li artikoli 632(d) u (e) ma jezistux fil-Kodici Civil (ara fol 464). Jidher car li qaleb l-ahhar zewg numri tal-artikolu, ghaliex flok irrefera ghall-artikolu 623 semma minflok 632. Zball pardonabbli ghaliex umanament kulhadd jista' jaghmlu. Ai fini u effetti tal-ligi, l-importanti hu li r-raguni ghad-dizeredazzjoni tigi msemmija mit-testatur billi **jiddikjaraha** u

**jfissiraha** fit-testment (art. 622) u **tigi murija prova tar-raguni tajba** tad-dizeredazzjoni skont l-artikolu 625(1).

**16.** Ghalhekk sa fejn jirrigwarda l-ewwel talba Attrici, il-Qorti hija konvinta li da parti tan-nutar li ppublika t-testment mertu ta' din il-kawza, minn dak li stqarr jemergi car li kien frott ta' *lapsus calami*. F'dan is-sens id-dritt Ruman jghallem li *actore verba emendare, tenore sententiae perseverante, non est prohibitum* (**ara sentenza tal-Qorti Appell fl-ismijiet Anton Cachia -vs- Edwin Formosa tat-30 ta' Mejju 2014)** . Principju li jippresta ruhu ghall-kaz odjern. Dan ifisser li l-ewwel talba Attrici ma hiex ser tintlaqa'.

**17.** Ghalhekk imiss issa li din il-Qorti titratta t-tieni talba Attrici li wkoll qed tattakka l-validita` tad-diseredazzjoni mill-aspett sostantiv tal-azzjoni esperita.

**18.** Huwa car, li fil-kaz odjern, id-dizeredazzjoni giet fil-fatt <u>dikjarata</u> mit-testatur Joseph Schembri ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-Kodici Civili kif jezigi l-artikolu 622 tal-Kodici Civili. Di fatti f'artikolu 2 tat-Testment tieghu ried u ordna li jigu iddizeredati uliedu kollha ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafi (d) u (e) tal-artikolu 623 tal-Kodici Civili.

**19.** Izda huwa wkoll daqstant car ghal din il-Qorti, li t-testatur Joseph Schembri, sa fejn jirrigwarda lill-uliedu Atturi, naqas ghal kollox milli <u>jfisser</u> b'mod car fit-testment il-fatti li kellhom jaghtu lok ghad-diseredazzjoni kif

espressi fis-sub-incizi (d) u (e) 623 tal-Kodici Civili u kif hekk ukoll jezigi l-artikolu 622 tal-istess Kodici. Tabilhaqq, fit-termini ta' dan l-ahhar artikolu, id-dizeredazzjoni mhux biss kellha tkun dikjarata mit-testatur Joseph Schembri "ghal xi raguni msemmija f'dan il-Kodici" izda l-istess raguni msemmija fl-artikolu 623(d) u (e) sucitat kellha tkun ukoll "**imfissra fit-testment**".

**20.** Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, il-Konvenuti provaw jaghtu spjegazzjoni ghalfejn il-mejjet provda ghad-dezeredazzjoni tal-ulied Atturi. Dan jemergi kemm mill-kontro-ezamijiet tal-Atturi u anke mix-xhieda tan-Nutar Ruben Casingena (a` fol 465 ara ukoll nota responsiva ta' sottomissjonijiet fil-punti 19 sa 24 a` fol 913 tal-process). In succint, il-Konvenuti provaw jiggustifikaw id-dizeredazzjoni peress li skonthom, l-ulied Atturi fil-kawza, abbandunaw lil missierhom billi qatt ma cemplulu u lanqas marru jarawh minn meta dahal l-isptar sakemm miet.

**21.** Din il-Qorti hi tal-fehma soda, li fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 622 tal-Kap. 16, ir-raguni kellha tkun imfissra mit-testatur fit-testment u mhux mill-eredi konvenuti li fit-termini tal-artikolu 625(1) kellhom biss l-obbligu li jsostnuwa u jippruvawha.

**22.** Kif gustament sahqet il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Harding fis-sentenza Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et**

**moghtija fis-7 ta' Jannar 1936**, "*una volta ma hemmx ebda fatt li jammonta ghal motiv ta' dizeredazzjoni, allura d-dizeredazzjoni ta' l-attur* [ommissis] *ma hix sostenibili, u l-attur ghandu d-dritt ghal-legittima.*" (***P.A. Kollez. Vol: XXIX.ii.880).*** Ghalhekk, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament, li l-fatt wahdu li t-testatur jonqos milli jfisser ir-raguni ghad-dizeredazzjoni fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 622 tal-Kodici Civili, dan jammonta ghal nuqqas serju sostantiv li ma jwassalx ghad-dezeredazzjoni kif trid il-ligi taht l-artikli sucitati.

**23.** Fir-riward tat-tieni talba Attrici, irid pero' jinghad ukoll, li jekk wiehed kellu joqghod ma' kif testwalment hija imfassla, din id-dikjarazzjoni hija fis-sens li "r-raguni ta' diseredazzjoni ma hijiex gustifikata" ghax ma gietx pruvata mill-Konvenuti eredi a tenur tal-artikolu 625 tal-Kodici Civili (ara nota ta' sottomissjonijiet a fol 899) u mhux ghax it-testatur naqas milli jsemmi r-raguni li ghaliha ddizereda lil uliedu skont kif jesprimi l-artikolu 622 tal-Kap. 16.

**24.** Ghalhekk, anke f'dan ir-rigward, fit-termini ta' kif inhi arginata t-tieni talba tal-Atturi, kieku kellha issir indagini dwar jekk ir-raguni ghad-dizeredizzjoni, kif moghtija mill-Konvenuti eredi biex jiggustifikawha, gietx sodisfacentement provata minnhom fit-termini tal-artikolu 625(1), din il-Qorti, minghajr esitazzjoni tikkonkludi li ma kienx hemm ragunijiet gusti.

**25.** Kif gie stabbilit mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux** datata 8 ta' Frar 2006:-

"... ... *l-jedd tad-dizeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' gudizzjarja biex jigi mistharreg jekk kemm-il darba r-raguni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jaghmel uzu hazin minn dak il-jedd jitqies bhallikieku ma ezercitahx (App. Civ.* ***14.11.1938*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Bartolo et vs Camilleri noe et*** *(Kollez. Vol:****XXX.i.240****). Il-gravita' tar-raguni li dwarha testatur jista' jiddezereda werriet ghandha tkun tali li mhux kull ghamil meqjus bhala offensiv mit-testatur jaghti raguni ghad-dizeredazzjoni (P.A.* ***20.3.1949*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Attard Montalto vs Attard Montalto*** *(Kollez. Vol:****XXXIII.ii.357****);*

*Illi d-dizeredazzjoni hija meqjusa bhala cirkostanza eccezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min, mod ieħor, huwa bil-ligi mholli dak il-jedd. Fi kliem iehor, f'sistema guridiku bhalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex moghti liberta' shiha dwar kif jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu, id-dizeredazzjoni hija "rimedju" li jinghata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux ghal raguni serja u gravi mahsuba fil-ligi (Raguni serja u gravi bizzejjed li tista' ccahhad il-jedd tal-manteniment skond l-artikolu 32 tal-Kap 16 ) – kien ikollha jedd għal-legittima. Hija cirkostanza li tmur kontra r-regola, u ghalhekk hija mharsa b'normi speċjali bil-ghan li persuna ma titnehhiex kapriccjozament mill-jedd li tiehu s-sehem minimu li jmissha skond il-ligi. Fuq kollox, id-dizeredazzjoni hija ghamla ta' kastig li t-testatur*

*jista' jimponi minhabba xi ghamil jew omissjoni li ghaliha jkun jahti l-werriet. B'differenza mic-cirkostanzi fejn persuna ma jkunx jisthoqqilha tiret lit-testatur (Ara l-art. 605(1) tal-Kap 16), id-dizeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bhala istitut odjuz li jmissu jitnehha (Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession ,pagg. 1003-4). Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-ahhar fil-ligi tas-Successjoni, id-dizeredazzjoni tal-axxendenti tnehhiet (L-artikolu 624 tal-Kodici Civili thassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004), izda l-legislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titnehha wkoll dik tad-dixxendenti;*

*Illi l-ligi trid li r-raguni tad-dizeredazzjoni tissemma espressament fit-testment (Art. 622 tal-Kap 16) u l-prova tagħha trid issir mill-persuna li tallegaha (Art. 625(1) tal-Kap 16). Ir-raguni li tissemma trid ukoll tkun wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-ligi f'lista li hija tassattiva u ma tippremetix tifsir b'analogija. It-tifsir tar-raguni tad-dizeredazzjoni ghandu jkun wiehed restrittiv favur il-persuna mnehhija mill-wirt u mhux tifsir kontriha (P.A.* ***7.1.1936*** *fil-kawza fl-ismijiet* **Bartolo vs Bartolo et** *(Kollez. Vol:* ***XXIX.ii.880****)). Izda fejn ir-raguni ghad-dizeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tigix pruvata, l-persuna li tkun tnehhiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-legittima (Art. 629 tal-Kap 16). Dan huwa sewwasew dak li qeghda titlob l-attriċi fl-azzjoni tagħha;*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**26.** It-tifsira moghtija mill-Konvenuti ghad-dizeredazzjoni taht is-subincizi (d) u (e) tal-artikolu 623 dikjarata mit-testatur hija dik ta' abbandun tad-

*decuius* minn uliedu billi qatt ma cemplulu u lanqas marru jarawh min mindu ddahhal l-isptar sakemm miet, liema fatt ma giex ikkontestat mill-Atturi.

**27.** Fir-rigward ta' "mohqrija" u "offiza gravi" fil-konfront tat-testatur ai termini tal-artikolu 623(d) u (e), gie sottomess mill-Imhallef Gouder fis-sentenza **Maria Salvina dei Baroni Attard Montalto -vs- Tabib Dr. Angelo dei Baroni Attard Montalto** (**Qorti Civili Prim' Awla Kollez. Vol. XXXIII P II p 357**) li "*il-kondotta hazina tat-tifel jew dixxendent iehor tista tkun tikkonsisti fl-atti ta' krudelta abitwali jew f'atti tali* ***li t-tifel jew dixxendent iehor, jaghmel apposta biex jinki, u b'hekk iwegga l-qalb tal-genituri*** *jew axxendenti ohra,* ***jew f'atti li bihom inaqqas l-istima u r-reputazzjoni ta' l-axxendent****;* ***imma f'dawn il-kazijiet mhix il-kattiva kondotta li taghti lok ghad-dizeredazzjoni, imma l-mohqrija kontemplata fl-ittra (d) tac-citat art. 660*** **(illum art. 623)** ***tal-Kodici Civili fl-ewwel kaz, u fit-tieni kaz l-ingurja kontemplata fl-ittra (e) tal-istess artikolu***" (sottolinear u emfazi ta' din il-Qorti).

**28.** Din il-Qorti ghalhekk, trid tezamina l-motivazzjonijiet tal-Atturi ulied, wara n-nuqqas taghhom li jaghmlu kuntatt ma' missierhom. Hekk tkun tista' tikkonkludi jekk dan l-agir jammontax ghal "mohqrija" u/jew "offiza gravi" fil-konfront tat-testatur fit-termini tal-artikolu 623(d) u (e).

**29.** Din il-Qorti temmen, bhall-Konvenuti (ara punt 19 tan-nota ta' sottomissjonijiet a` fol 913), li x-xhieda ta' Vincent Schembri hija l-iktar wahda veritiera minn fost l-ahwa ulied id-*decuius,* fir-rigward ta' jekk kienux konsapevoli li missierhom kien marid gravi l-isptar. Il-Qorti tikkonkludi li l-ahwa kienu jafu li missierhom kien qieghed l-isptar (ara xhieda ta' Connie Ciantar a` fol 731).

**30.** In-nuqqas minn naha tad-dixxendenti li jzuru lil missierhom meta kienu jafu li qieghed l-isptar, ma tistax titqies bhala kondotta tajba u jekk mhux ukoll censurabbli. Izda minkejja dan, din il-Qorti ma tarax li din il-kondotta hija tali li tista' tissarraf f'"mohqrija" u /jew "offiza gravi" fit-termini ta' dak li jiddisponi tal-artikolu 623(d) u (e) tal-Kodici Civili.

**31.** Fuq stregwa tal-insenjament tas-sentenza appena citata, din il-Qorti hija moralment konvinta, li n-nuqqas tal-ulied li jzuru lil missierhom ma sarx "apposta biex jink[u], u b'hekk iwegg[ghu] l-qalb" tieghu jew biex inaqsulu "l-stima u r-reputazzjoni" izda, kif jistqarr Vincent Schembri fix-xhieda tieghu stess (a` fol 587, 601 u 602), dan kien frott tar-rimors ghal mod kif kien gab ruhu maghhom missierhom (ara affidavits a` fol 85, 96 u 114).

**32.** Dan maghdud ukoll mal-fatt, li ghalkemm il-Konvenuti jghidu li mpustawlhom diversi kartolini u anke ittra (Dok RF a` fol 581) skonthom, kollha fformulati minn missierhom (ara xhieda ta' Godwin Schembri a` fol

863 sa 866), it-tlett ahwa kategorikament innegaw li qatt raw dik l-ittra jew qatt ircevew xi kartolini minghandu, matul il-perjodu kollu minn meta dahal l-Isptar sakemm miet (ara xhieda ta' Vincent Schembri a` fol 588 u 589, ta' Godwin Schembri a` fol 614 u ta' Maria Schembri a` fol 628 u 629). Irid ukoll jittiehed kont li, kif xehedet it-tifla Maria Schembri (a` fol 626) u kif ikkonfermat miz-ziju patern Dennis Schembri (ara xhieda a` fol 779). Jispjegaw kif wara li ddahhal l-isptar, kienu raw lil missierhom iktar minn darba jigri barra fil-karozza u anke attenda l-udjenzi kollha quddiem il-Qorti fil-proceduri ta' separazzjoni minn ma' ommhom, inkluz l-ahhar wahda li kienet xi sitt gimghat qabel il-mewt tieghu.

**33.** Meta l-Qorti tqis dan kollu, flimkien mal-fatt li, kif ikkonfermat fix-xhieda taz-ziju patern Dennis Schembri (a` fol 773 sa 778), hadd miz-zijiet paterni jew familjari ohra ma nfurmawhom li missierhom kien marid u qieghed l-isptar. Ma kienux gew infurmati li jixtieqhom hafna li jmorru jarawh. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni ghajr li uliedu kienu kompletament injari li missierhom kellu din ix-xewqa hekk kbira li jmorru jarawh.

**34.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u l-principji legali esposti, l-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-kawza mfissra mill-Konvenuti li ghaliha t-testatur nehha l-uliedu ghal kollox mill-wirt tieghu ma tissodisfax dak il-grad tal-piz tal-prova li isostni l-esistenza ta' raguni tajba tad-dizeredazzjoni fit-termini tal-artikolu

625(1) tal-Kodici Civili, ghaliex ma gewx riskontrati l-elementi guridici neccessarji kif indikati fis-subincizi (d) u (e) tal-artikolu 622 tal-istes Kodici.

**35.** Dan ifisser li d-dizeredazzjoni f'artikolu 2 tat-testment mertu ta' din il-kawza ma hiex sostenibbli fil-ligi. F'dan ir-rigward, fuq vena komparattiva mad-dritt antic Ruman, fis-sentenza **Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et** (supra), "*Skont id-Dritt ta' l-Imperatur Giustinano Novella 115, f'kaz ta' insostenibiltá tad-dizeredazzjoni l-legittimarju kellu d-dritt tal-'Querela Nullitatis ex Novo Jure' li biha kien iwaqqa l-istituzzjoni ta' l-eredi. Fid-dritt Malti l-legittimarju m'ghandux dana d-dritt, imma jiehu biss il-legittima.*"

**36.** Isegwi minn dan kollu, li l-Qorti sejra tilqa' it-tieni talba. Konsegwentement ser tilqa' ukoll it-tielet talba Attrici ghal-likwidazzjoni tal-legittima. Aktar 'l isfel il-Qorti ser tghaddi ghal din il-likwidazzjoni.

**37.** Qabel ma din il-Qorti tinvesti r-raba talba, il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra <u>l-hames talba</u> billi l-Qorti tara li d-decizjoni fuq il-hames talba tal-Atturi hija ghal kollox fuq ir-raba talba.

**38.** Permezz tal-hames talba, mart id-decuius, l-Attrici Mary Schembri, qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara null u bla effett ir-Raba Artikolu tat-testment in kwistjoni "billi dan, inkwantu jeskludi lill-Attrici minn kull dritt spettanti lilha fuq sehem id-decujus mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, jilledi d-drittijiet tal-

istess Attrici Mary Schembri kif jipprovdu l-Artikolu 631 u 633A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta".

**39.** Qabel l-emendi introdotti bl-Att XVIII il-*legitima portio* li tmiss lil konjugi superstiti Mary Schembri kif kienet moghtija permezz tal-artikoli 631 u 633A tal-Kodici Civili. Din kienet limitata f'dawk il-kazijiet imsemmija fl-artikoli 634 u 635 tal-istess Kodici u ma kienetx tghodd fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 636 tal-istess.

**40.** Il-Konvenuti jeccepixxu fin-nota taghhom a` fol 17, li r-raba' Artikolu tat-testment mertu tal-kawza huwa konformi ma dak kontemplat fl-artikolu 636(b) fuq imsemmi. B'dan iridu jfissru, li l-jedd tal-Attrici Mary Schembri ghall-*legittima portio* bhala l-konjugi superstiti ma jghoddx, in kwantu li fir-Raba Artikolu tat-testment tieghu l-konjugi l-imsemmi Joseph Schembri ddizeredaha ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) tal-artikolu 636 tal-Kodici inkwistjoni.

**41.** L-artikolu 636(b) tal-Kap. 16 jezigi li sabiex jiddizereda lill-konjugi superstiti taht wahda jew izjed mir-ragunijiet indikati fis-sub-incizi msemmija, fit-testment tieghu il-konjugi premort irid ikun "*<u>espressament</u> tellef lill-parti li tibqa' hajja s-sehem imsemmi fl-artikoli 631 u 633, jew il-jedd ta' abitazzjoni msemmi fl-artikolu 633A, u r-raguni, jew jekk ikunu msemmija zewg ragunijiet jew izjed, wahda minnhom, tigi ppruvata*".

**42.** Fir-Raba Artikolu tat-testment tieghu t-testatur Joseph Schembri ordna li "*minn sehmu tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew minn dak kollu li jkollu fil-mument tal-mewt tieghu, huwa ma jixtieqx assolutament li l-mara tieghu tibbenefika mill-ebda persentagg u dana minhabba il-mod illi bih ittrattatu waqt li huma kienu kif effettivament ghadhom mizzewgin, ghal mod kif ghamlitlu l-proceduri ta' firda legali u t-trattament li bih imxiet kontra tieghu u fejn allura l-istess testatur jixtieq jaghmilha cara illi bl-aktar mod kategoriku illi hi ma tibbenefika assolutament xejn minn dak li jhalli*".

**43.** Dan ifisser li permezz tal-paragrafu appena citat, Joseph Schembri espressament ried itellef lil martu mis-sehem imsemmi fl-artikolu 631 billi ddikjara li "assolutament" ma jridha tibbenefika xejn min sehemu izda ma telliefx lil martu mill-jedd ta' abitazzjoni moghti fl-artikolu 633A ghaliex espressament ma semma xejn rigward dan il-jedd fit-testment. Difatti l-Attrici Mary Schembri ghadha tabita fil-fond bhala r-residenza principali taghha. Ilha tirresjedi fih sa minn qabel ma miet zewgha, liema fond inxtara fiz-zwieg u allura jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**44.** Kwantu jirrigwarda r-raguni tad-dizeredazzjoni ta' martu fir-Raba Artikolu, il-Qorti tosserva li b'differenza mit-tieni artikolu tat-testment fejn fih iddizereda lill-uliedu, it-testatur Joseph Schembri ma ghamilx dikjarazzjoni ghal daqshekk skont kif jipprovdi l-artikolu 622. L-anqas ma fisser ir-raguni

msemmija kif jirrikjedi l-istess artikolu u dan peress li naqas ghal kollox milli jghid b'liema "mod" trattatu martu waqt li kienu ghadhom effettivament mizzewgin.

**45.** Di piu` huwa dritt sagrosant ta' kull persuna fiz-zwieg, li tinizja proceduri ta' separazzjoni, sakemm ma jkunx hemm pronunzjament tal-Qorti dwar il-htija o` meno ta' min inizja l-proceduri, ma jammontax ghal raguni valida ta' dizeradazzjoni. L-anqas ma jaghti spjega tal-lament dwar it-"trattament" li bih martu suppost imxiet kontra tieghu. Tabilhaqq ma hemm assolutament xejn fl-artikolu erba tat-testment li bih wiehed jista jidentifika liema mir-ragunijiet moghtija fis-sub-incizi (a), (b), (c), (d) u/ jew (e) tal-artikolu 623 tal-Kodici Civili it-testatur ried li japplikaw.

**46.** Di piu` il-Konvenuti naqsu li jispecifikaw, liema mis-subincizi tal-artikolu 623 japplikaw fil-kaz tad-dizeredazzjoni ta' mart id-*decuius*. Fl-affidavits taghhom il-Konvenuti jsostnu, li skonthom l-Attrici Mary Schembri kellha kilba ghall-flus u li zammet lil uliedha fil-faqar, ghaliex kien biss hsiebha li tfaddal il-paga kollha li zewgha kien jghaddilha f'kontijiet esteri. Il-Konvenuti jsostnu li l-Attrici Mary Schembri bdiet il-proceduri tas-separazzjoni wara li zewgha intebah b'dan u ma riedx itiha iktar flus. Fl-affidavits taghhom, il-Konvenuti jsemmu ukoll episodju, ta' meta l-Attrici tat lill-mejjet ikel li ma riditx il-qattusa. Fin-nota ta' sottomissjonijiet jitfghuha fl-istess keffa ma' uliedha, fl-abbandun ta' zewgha, billi mis-sena 1999 sa ma

miet fl-2003, qatt ma marret tarah, ghalkemm kienet taf li kien rikoverat l-isptar (a` fol 914).

**47.** Tali kondotta ma tikkreja ebda wiehed mill-effetti ai termini tal-artikolu 636 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-mara, aktar u aktar meta wiehed iqis li f'dak iz-zmien il-konjugi kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Mill-atti ma jirrisultax li d-decuius kellu xi xewqa partikulari li jara lil martu kif xehed huh Godwin Schembri (a` fol 844). Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li din kienet epoka fejn kienu de facto separati, bi proceduri ta' separazzjoni legali pendenti bejniethom.

**48.** Li kieku l-proceduri ta' separazzjoni gew fi tmiem taghhom jista' jkun li kienu jipproducu l-effetti kontemplati fl-artikoli 48 sa 52, izda dan ma sehhx. Il-Konvenuti, qua eredi tad-decuius, kellhom il-fakolta` li jkompluhom sal-konkluzjoni taghhom nonostante l-mewt ta' Joseph Schembri fil-mori (art. 43 Kap. 16). Ghalhekk jekk verament il-Konvenuti jemmnu li l-Attrici Mary Schembri ghandha tahti ghall-firda personali, huma kellhom kull interess li jkomplu jmexxu l-istess proceduri sabiex Mary Schembri titlef il-jeddijiet msemmija fl-artikolu 48(1)(a). Dan m'ghamluhx.

**49.** Hawn hekk tajjeb li jkun soffermat, li l-ligi taghna, f'dan ir-rigward, hija ghal kollox differenti minn dik Taljana. Fil-waqt li dik Taljana ma tippermetti lil hadd jassumi l-atti, wara l-mewt ta' xi konjugi fil-mori ta' kawza ta'

separazzjoni (**ara kemm lil Ricci u Pacifici-Mazzoni fuq dan il-punt**), mhux hekk jidher fil-kaz ta' artikolu 43 tal-Kodici Civili Malti. Ghalkemm dan l-artiklu jiddikjara li l-azzjoni ta' separazzjoni tispicca mal-mewt ta' wahda mill-partijiet, jaghmel is-segwenti riserva u cioe' *"... … hlief fil-kaz li fih is-sentenza tal-firda jista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikoli 48 sa 52 inkluzivament ... …".* Fl-artiklu 150 tal-Kodici Taljan ma tesisti ebda riserva simili. L-artikolu nostran jaghmel sens, ghaliex il-htija ta' konjugi jista' jkollha effetti u konsegwenzi patrimonjali sa fejn jirrigwarda l-eredi tal-konjugi li jkun miet waqt il-proceduri ta' separazzjoni personali (**ara seduta tas-26 ta' Jannar, 2012 Citazzjoni Numru. 1578/2001/1 fl-ismijiet A B vs C B Prim Awla Per Imhallef Noel Cuschieri** mhux ippubblikata u kif ukoll sentenza **tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Caruana -vs- Olena Verbystka tal-24 ta' Gunju 2016**).

**50.** Li huwa cert ghal din il-Qorti izda hu, li dak kollu li ssottomettew il-Konvenuti rigwardanti l-kondotta tal-Attrici Mary Schembri certament ma jsibx applikazzjoni ai finijiet ta' dizeredazzjoni.

**51.** Kif sewwa intqal mill-Qorti Civili Prim' Awla fir-rigward tal-artikolu 623(e) fis-sentenza **Bartolo -vs- Bartolo** supra, "*dimostrat li l-kondotta hazina mhix kompriza fil-kelma* "*ingurja" ghall-finijiet tac-citat art. 660(e) [illum 623(e)], ma hemmx lok ghat-tfittix ta' l-interpretazzjoni tas-sinifikat tal-kelma "ingurja" skond l-applikazzjonijiet maghmula f'materja ta' separazzjoni*

*personali. Is-separazzjoni personali ma ghandha x'taqsam xejn mad-dizeredazzjoni; ir-rapporti li jintercedu bejn il-genituri jew axxendenti ohra u l-ulied jew dixxendenti ohra; u t-taghlim moghti f'kaz mhux dejjem jista' jigi b'sikurezza applikat ghal kaz iehor ghal kollox divers. Ghall-kaz in kwistjoni certament ma tistax tigi applikata d-dottrina in materja ta' separazzjoni personali, fejn wiehed isib kazijiet meta fihom gie retenut li l-kondotta hazina jew immorali ta' wiehed mill-konjugi ikkostitwiet ingurja lill-konjugi l-iehor; ghaliex, kif gie dimostrat, dana mhux konformi ghad-dispozizzjonijiet tal-ligi in materja ta' dizeredazzjoni*".

**52.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehema li l-ordni tat-testatur li jeskludi lil martu ghal kollox mill-wirt tieghu ma tiswiex, saret ghal raguni li ma hijiex imsemmija fit-testment u r-raguni kif imfissra mill-konvenuti lanqas ma giet sodisfacentement pruvata.

**53.** Fir-rigward tal-hames talba il-Konvenuti qajmu eccezzjoni fis-sens li ghandha tigi michuda ghaliex "*ma hemm ebda raguni valida fil-ligi ghaliex dina l-klawsola ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett*" billi "*jekk l-Attrici kellha xi pretensjoni hija kellha titlob li jigi dikjarat li l-eskluzjoni taghha ghar-ragunijiet imsemmija fit-testment ma kienux gustifikati u konsegwentement jigi dikjarat li l-eskluzjoni ma tapplikax*".

**54.** Din il-Qorti tqis li l-eccezzjoni tal-Konvenuti hija biss kwistjoni ta' mera formalità li ma tolqotx is-sustanza tal-hames talba kif impustata mill-Atturi. Kemm dak premess fil-hames talba Attrici u kif ukoll dak pretiz mill-Konvenuti u cioe` l-mod kif din kellha tkun formulata sabiex titqies valida, jwasslu ghall-istess *finis eventus* u cioe` li r-raba artikolu tat-testment in kwistjoni huwa insostenibbli u ma jiswiex fil-ligi. La ma jiswiex, ir-raba' artikolu jitqies bhallikieku qatt ma tnizzel u *pro non scripto*.

**55.** Wara r-ragunamenti kollha fuq imsemmija, jmiss li tkun trattata r-raba' talba Attrici. Isegwi li s-sehem kollu appertenenti lid-decuius, inkluz is-somma percepita minnu bhala ufficjal tal-Forzi Armati ta' Malta, ghandha tkun ikkunsidrata minn din il-Qorti ai fini ta' kalkolu u likwidazzjoni kemm tal-legittima li tmiss lill-uliedu ahwa Schembri u tas-sehem mill-komunjoni tal-akkwisti spettanti lil martu Mary Schembri hekk kif mitlub fit-tielet u s-sitt talba Attrici. Ghalhekk ghalkemm huwa minnu li din is-somma thalliet lill-eredi, hemm zewg konsiderazzjonijiet li jridu jsiru dwar din is-somma partikulari. L-ewwel konsiderazzjoni li parti sostanzjali minnha giet akkwistata b'rifless fuq ammont ta' snin fi zwieg mal-mara Attrici u ghalhekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, fil-waqt ir-rimanenti parti l-ohra trid tittiehed inkonsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-legittima skont il-ligi u kif spjegat ahjar aktar 'l isfel.

**56.** Fl-esercizzju sabiex tistabbilixxi x'inhu dovut lill-Atturi, din il-Qorti trid tqis il-valur tal-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn l-Attrici Mary Schembri u Joseph Schembri xolta bil-mewt ta' Joseph Schembri u taqsamhom f'zewg porzjonijiet indaqs li wahda minnhom tigi assenjata lill-Attrici Mary Schembri (in virtù ta' dak mitlub minnha fis-sitt talba) u l-ohra tigi assenjata lill-assi tad-defunt Joseph Schembri (art. 1333 Kap. 16). Ghall-ghanijiet tal-kalkolu tal-legittima favur l-Atturi ahwa Schembri fit-termini tat-tielet talba Attrici, din il-Qorti trid umbaghad tillikwida l-wirt ta' Joseph Schembri billi tara kemm kienu jiswew l-assi parafernali tieghu dakinhar ta' mewtu, maghdud ma' sehemu fil-komunjoni tal-akkwisti, kemm dak *relictum* kif ukoll dak *donatum* (art 620(3) Kap. 16).

**57.** F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-assi elenkati a` fol 84 u fin-nota ta' sottomissjonijiet a` fol 890 li permezz taghha l-Attrici Mary Schembri ddikjarat li kienu jezistu fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn zewgha qabel ma miet. Dawn l-assi ma gewx kontestati mill-Konvenuti, hlief ghas-somma depozitata mit-Tezor fl-ammont ta' LM13,088.09 (vide Dok. LB 1 a` fol 283) moghtija bhala *gratuity* lid-defunt Joseph Schembri. Il-Konvenuti qeghdin jikkontendu, li galadarba din is-somma giet mahduma fuq in-numru tas-snin ta' servizz li d-*decuius* kien ghamel fl-armata u kif ukoll ghaliex id-*deciuis* kien beda jahdem fl-armata fis-27 ta' Novembru 1976 (ara Dok LB1 a` fol 286), jigifieri erbgha snin qabel ma zzewweg lill-Attrici Mary

Schembri fis-6 ta' Dicembru 1980 (ara att ta' zwieg a` fol 29), "*l-esponenti* [konvenuti] *qatt ma jistghu jaqblu illi s-somma hawn fuq indikata tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti*" (ara punt nru 5 tan-nota ta' sottomissjonijiet a` fol 908).

**58.** L-argument tal-Konvenuti ghandu validita` biss inkwantu jirreferi ghal dik il-parti tal-precitata somma, li nhadmet fuq il-perjodu minn meta Joseph Schembri impjega ruhu ma' l-armata sa lejliet il-jum taz-zwieg tieghu mal-Attrici Mary Schembri f'liema perjodu ma kienx jesisti bejniethom ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti (erbgha snin minn 1976 sal-1980). Dan l-argument pero' ma japplikax ghal dawk is-snin fiz-zmien li sehhet *ipso iure* il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Azzopardi u cioe' dakinhar li ccelebraw iz-zwieg.

**59.** Ghalhekk in vista ta' dak dispost fl-artikolu 1319 u 1320 (a) u (b) tal-Kap. 16, din il-Qorti certament ma tistax teskludi mill-komunjoni tal-akkwisti s-somma kif komputata fuq ir-rimanenti tnejn u ghoxrin sena servizz li Joseph Schembri kien fl-Armata. Matulhom kien mizzewweg lill-Attrici Mary Schembri u ghalhekk kien hemm fis-sehh bejniethom l-Istitut tal-komunjoni tal-akkwisti (**ara f'dan is-sens is-sentenza Miriam Camenzuli –vs- Mario Camenzuli, Qorti Civili Prim' Awla, 27 ta Marzu 2003 pg 10).**

**60.** Ghaldaqstant ghandu jidhol fil-kavetta tal-komunjoni tal-akkwisti, dik il-parti mis-somma kommutata ta' LM13,088.09 sa fejn mahduma fuq snin ta'

servizz maghmula mid-defunt Joseph Schembri waqt iz-zwieg tieghu mal-Attrici Mary Schembri, filwaqt li s-somma rimanenti ghandha tifforma parti mill-assi parafernali appertenenti tal-istess defunt.

**61.** Sabiex il-Qorti tasal ghas-somma li ghandha tkun ikkunsidrata ai fini ta’ komunjoni tal-akkwisti, ser tiehu in konsiderazzjoni il-paga medja ta’ LM5,926.68 kif indikata f’Dok LB1 (a` fol 283). Din ghandha tinhadem fuq perjodu ta’ 270 xahar flok dak ta’ 318 xahar, li jirrapresentaw is-snin kollha li fihom id-defunt hadem fl-Armata. Minn dawn iridu jonqsu l-erbgha snin ta’ servizz ta’ Joseph Schembri fl-Armata qabel iz-zwieg tieghu u cioe’ 48 xahar.

**62.** Ghalhekk applikat l-istess metodu ta’ kalkolu kif spjegat f’Dok LB1, hlief ghall-perjodu ta’ ‘Reckonable Service’ li ghal ragunijiet su indikati ghandu jkun ta’ 270 xahar, l-ammont ta’ gratuity li ghandu jifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti qed ikun kkalkulat bil-mod kif gej:-

**Uncommuted Pension calculated as follows:**

Reckonable Service: 270 months

Scheme Divisor: 450 months

Average Salary of: LM5,926.68

Uncommuted Pension = 270/450 X LM5,926.68 = 3556.008

Uncommuted Pension: LM 3556.008

**Commuted Pension calculated as follows:**

Basic Commuted Pension = ¾ of 3556.008 = 2,667.006

Commuted Pension = Basic Commuted Pension of 2,667.006 Age Adjustment of 0 = 2,667.006

Commuted Pension: LM2,667.006

**Gratuity calculated as follows:**

Gratuity: 3556.008 – 2667.006 x 12.5 = LM11,112.53

Gratuity: LM11,112.53 (€25,885.23)

**63.** Isegwi li l-ammont ta' gratuity li ghandu jifforma parti mill-assi parafernali tad-defunt Joseph Schembri huwa ta' LM1,975.56 (LM13,088.99 – LM11,112.53) ekwivalenti ghal €4,601.82.

**64.** Mal-gratuity fl-ammont ta' LM11,112.53 jidhlu wkoll fil-komunjoni ta' l-akkwisti l-kumplament tal-assi elenkati mill-Attrici a` fol 84 u 890 kif ukoll kwalunkwe flus li kienu depozitati f'kontijiet bankarji f'isem l-Attrici fiz-zmien tal-mewt ta' zewgha. Dawn l-assi jikkonsistu fis-segwenti:-

i. Id-dar matrimonjali "Josary" Carmel Street, Fgura li fi zmien il-mewt ta' Joseph Schembri kienet stmata li tiswa LM50,000 (ara stima tal-Perit Valerio Schembri a` fol 33);

ii. Karozza Daewoo Racer Hatchback bin-numru tar-registrazzjoni GAC 032 li giet akkwistata fl-14 ta Awwissu 1996 ghal prezz ta' LM4,650 (ara Dok CD2 a` fol 172). Ma hemm xejn fl-atti li jaghtu ndikazzjoni tal-*market value* tal-vettura fid-data tal-mewt ta' Joseph Schembri. Ghalhekk din il-Qorti sejra arbitrio boni viri tistma li fit-22 ta' Awwissu 2003 din il-vettura kienet tiswa nofs il-prezz u cioe` LM2,325;

iii. LM1,758.46 Life Insurance Policy Numru FP4 19368 f'isem Joseph Schembri mal-Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd (vide Dok VE 2 a` fol 366 u xhieda Vincent Ellul a` fol 368);

iv. LM81.47 depozitati f'kontijiet bankarji f'isem id-decuius (vide Doks MS19-MS22 a` fol 58-62);

v. LM133.13 depozitati f'kont bankarju f'isem l-Attrici Mary Schembri fiz-zmien li miet zewgha (ara Dok AG 7 a` fol 433).

**65.** Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-assi li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn l-Attrici Mary Schembri u Joseph Schembri sal-gurnata tal-mewt ta' Joseph Schembri kellhom valur komplessiv ta' LM65,410.59.

**66.** Isegwi li s-sehem tad-defunt Joseph Schembri mill-komunjoni tal-akkwisti kien ta' LM32,705.30. Mill-atti jirrizulta li d-defunt imsemmi ma kellux assi parafernali hlief ghall-ammont ta' LM1,975.56 li hija dik il-parti tas-somma moghtija lilu f'gratuity li nhadmet fuq il-perjodu tal-impjieg li kellu fl-Armata qabel ma kkontratta zwieg mal-Attrici Mary Schembri. Dan ifisser li l-valur globali tal-wirt li jrid jitqies ghall-finijiet tal-kalkolu tal-legittima mitluba mill-Atturi ahwa Schembri huwa ta' LM34,680.86.

**67.** Ghal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet tad-dritt marbutin mal-legittima dovuta lill-ulied il-mejjet Joseph Schembri u l-likwidazzjoni tal-istess, il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza **Dorothy Grech mart Emanuel vs Deborah Fenech De Fremaux** datata 5 ta' Mejju 2011. F'din is-sentenza l-Qorti ssenjalat il-principji ewlenin bil-mod kif gej:-

> "*Il-ligi* [qabel ma giet emendata bl-Att XVIII ta' l-2004] *kienet tqis is-sehem rizervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (quota bonorum) u mhux bhala sehem mill-wirt tieghu (hereditatis portio) u ghalhekk il-legittimarju ma kienx semplici kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-sehem tal-legittima li l-legittimarju jkollu jedd jirċievi) ... …*
>
> *Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar (jew accetta li jkun) werriet, u ghandu l-jedd jistenna li l-gid li minnu jinghata s-sehem*

*rizervat tieghu ikun ghadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius (App. Civ.* ***10.6.1949*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Farrugia noe et vs Mintoff noe et*** *(Kollez. Vol:* ***XXXIII.i.472****);*

*Illi jsegwi li idejalment il-legittima trid tinghata in natura (P.A.* ***22.5.1950*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Wismayer et vs Wismayer et*** *(Kollez. Vol:****XXXIV.ii.574****), jigifieri tkun maghmula minn fost il-hwejjeg mill-gid tal-mejjet li jew jkunu ghadhom jaghmlu parti mill-assi tieghu mal-mewt, jew ikunu ddahhlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu iddispona b'liberalita` minn izjed minn dak li taghtih il-ligi. Is-sehem rizervat jinhadem fuq il-wirt kollu (maghdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb ta' z-zwieg (Art. 620(3) tal-Kap 16)), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral (Art. 620(2) tal-Kap 16) 22 u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarju ikun ha minghand it-testatur (Art. 620(4) tal-Kap 16), u tinghata fi proprjeta' shiha mehlusa minn kull piz jew kondizzjoni (Art. 620(1) tal-Kap 16). Fuq kollox, is-sehem rizervat jigi mghoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugh tax-xorti* ***(P.A. 7.1.1967 fil-kawza fl-ismijiet Scicluna et vs Meli et (Kollez. Vol:- LI.ii.696);***

*... ...*

*Illi huwa principju accettat ukoll li s-sehem rizervat inissel il-jedd ghall-imghaxijiet favur min ghandu jedd ghalih. Tali mghax jibda ghaddej minn dak inhar li jinfetah il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-legittimarju u mhux fuq il-gid kollu tal-wirt* ***(P.A. 16.5.1950 fil-kawza fl-ismijiet Said vs Borg Grech noe et (Kollez. Vol: XXXIV.ii.568);***

*Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem rizervat huwa gudizzjarjament stabbilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-gid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali gid fiz-zmien li nfetah il-wirt u fil-kundizzjoni li tali gid kien dak iz-zmien, u b'mod izjed preciz: "li, ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima)* ***bilfors*** *wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni". Izda, "jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei"* ***ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konverzjoni,*** *cioe` z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk* ***ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja****" (****App. Civ. 10.12.1973 fil-kawza fl-ismijiet Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et (mhix pubblikata);***

*Illi tali fehma tibqa' ssehh ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem rizervat ma jkunx gie soddisfatt bla htija tal-parti li ghandha jedd ghalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jithallas fi flus bħala "aestimatio rei". (****App. Civ. 14.12.1973 fil-kawza fl-ismijiet Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et*** *(mhix pubblikata). Izda, f'dak il-kaz, il-valur ghandu jkun iqarreb il-valur tal-gid fiz-*

*zmien tal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat (**App. Civ. 28.1.2005 fil-kawza fl-ismijiet Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et).***

*Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżercizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ghall-finijiet li jigi stabbilit is-sehem rizervat, wiehed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-gid fil-gejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jizdied il-valur tieghu). Dan johrog ukoll mill-fatt li l-jedd ghas-sehem rizervat jitnissel mal-ftuh tas-successjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-grajja fil-qafas taz-zmien li tkun sehhet*."

**68.** Illi fid-dawl tal-principji fuq enuncjati, il-legittima li minnha l-ahwa Schembri jisthoqqilhom jircievu, trid tinhadem fuq il-valur tal-beni ta' missierhom fil-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha mal-ftuħ tal-wirt tieghu, ossia fit-22 ta' Awwissu 2003, jigifieri dak ta' LM34,680.86.

**69.** Mill-atti ma jirrizultax, li d-defunt Joseph Schembri kellu xi djun jew li l-legittimarji hadu xi gid kollazzjonabbli minghand it-testatur. Lanqas ma hemm xejn x'jindika li l-ispejjez tal-funeral thallsu mill-assi tieghu. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehema li mill-valur imsemmi tal-beni ta' Joseph Schembri ma hemm xejn x'jitnaqqas ghal fini tas-sub-incizi (2) u (4) tal-artikolu 620 tal-Kap. 16.

**70.** In virtù tal-artikolu 616(1) tal-Kodici Civili, il-legittima shiha dovuta lil ulied Vincent u Godwin Schembri u Maria Bonavia neè Schembri, ladarba

m'humiex izjed minn erbgha ulied, ghandu jkun ta' terz (1/3) tal-gid ereditarju ta' missierhom Joseph Schembri. Skont is-sub-inciz 2 tal-istess artikolu, dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu. Dan ifisser li sehemhom irid ikun ta' parti minn disgha (1/9) kull wiehed tal-gid li jirrizulta li missierhom kellu dak inhar li miet.

**71.** Isegwi li l-Atturi ahwa Schembri jisthoqqilhom jiehdu mill-imsemmi wirt b'kemm jiswew LM3,853.43 kull wiehed f'gid li kellu missierhom fil-waqt ta' mewtu. Dan huwa ekwivalenti ghal 8,976.07 f'mumita ewro.

**72.** Dwar l-imghax fuq l-ammonti imsemmija, il-Qorti qieset sewwa c-cirkostanzi tal-kaz, fost ohrajn li din il-kawza ilha ammont ta' snin tigi differita ghas-sentenza. L-artikolu 615 tal-Kodici Civili, ricentement emendat bl-Att XVII tal-2004, jitkellem car dwar kif ghandhom jiddekorru l-imghaxijiet safejn jirrigwarda l-porzjoni riservata gja' legittima. Izda s-sitwazzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti tirrisali ghal qabel saru l-ahhar emendi, li skont id-disposizzjonijiet transitorji tal-Att sucitat, ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern.

**73.** B'dan kollu ma jfissirx li in mankanza ta' provvediment bhal dak fuq imsemmi, ricentement introdott, ma jiddekorru ebda imghaxijiet fir-rigward tal-legittima. Di fatti fis-**sentenza ta' Dorothy Fenech Defremaux**, fuq citata, il-Qorti qalet hekk:-

> "Illi huwa principju accettat ukoll, li s-sehem rizervat inissel il-jedd ghall-imghaxijiet favur min ghandu jedd ghalih. Tali imghax jibda ghaddej minn dak inhar li jinfetah il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-legittimarju u mhux fuq il-gid kollu tal-wirt".

**74.** B'referenza ghal dan il-principju, dik il-Qorti sahansitra sabet sostenn fis-**sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili fl-ismijiet Said -vs- Borg Grech noe tas-16 ta' Lulju 1950 ( Kollezz: Vol XXIV.ii. pg.568).**

**75.** Il-Qorti issa trid tqis jekk is-sehem hekk likwidat jistax jittiehed mill-Atturi ahwa Schembri *in natura*, jew jekk ghandhomx jiehdu sehemhom bil-hlas ta' somma flus. F'dan il-kuntest, din il-Qorti temmen li ghandu jigi applikat id- dictum tal-Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza **Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux** citata ktar il-fuq:-

> "*Illi x-xewqa tal-ligi li s-sehem rizervat ikun maghmul minn gid tal-wirt skond in-natura tieghu tista' ma titwettaqx jekk kemm-il darba biex isir hekk, isehh prehudizzju ghall-ġid tal-istess wirt. Bhalma jsehh fir-regoli dwar jekk ishma f'wirt jistghux jinqasmu f'ammonti ndaqs, hekk ukoll hawnhekk, fejn ikun mehtieġ li xi sehem jinghata jew irid ihallas lil sehem iehor somma qawwija f'ekwiparazzjoni, l-ghażla ghandha tkun favur il-hlas ta' somma u mhux favur qasma artificjali.*

*Ta' min jghid li l-liġi trid li s-sehem rizervat ikun maghmul minn gid tal-wirt, u ma tghidx li jrid ikun maghmul minn bicca minn kull haġa f'tali wirt. L-istess haga tinghad jekk, fost il-gid li jkun hemm fil-wirt, partijiet minnu jkunu thallew mill-mejjet bhala legati jew prelegati, sakemm ma jkunx b'hekk inqabez is-sehem li minnu l-istess mejjet seta' iddispona. Hija dejjem l-ghażla u d-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis jekk ghandhiex issir assenjazzjoni in natura tal-gid lil-legittimarju.*"

**76.** F'dan il-kaz il-wirt *in natura* tad-decuius jikkonsistu unikament fin-nofs indiviz tad-dar matrimonjali u n-nofs indiviz tal-vettura Daewoo Racer. Meta jitqies il-valuri rispettivi taghhom, wiehed isib li dak tal-ewwel jisboq sew is-sehem tal-legittima spettanti lill-Atturi ahwa Schembri u dak tal-ahhar huwa inqas ferm l-istess sehem.

**77.** Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehema li l-Atturi ahwa Schembri ghandhom jinghataw sehemhom mil-legittima dovuta lilhom mil-gid ta' wirt missierhom f'valur ekwivalenti fi flus bil-jedd ghall-imghaxijiet legali minn dak inhar li nfetah il-wirt ta' missierhom.

**78.** Fir-rigward is-sitt talba, il-Qorti bis-sahha ta' din is-sentenza qeghdha tassenja lill-Attrici is-sehem taghha konsistenti f'nofs il-valur tal-komunjoni tal-akkwisti bil-mod kif gej:-

i. In-nofs tal-fond tal-fond gja` matrimonjali “Josari”, Carmel Street, Fgura bi dritt esklussiv ta’ abitazzjoni *vita durante* moghtija lilha in virtu` tal-artikolu 633A (illum artikolu 633) tal-Kodici Civili.

ii. LM5,556.27 depositata mat-Tezor, Sezzjoni Penzjonijiet. Din is-somma tirrapprezenta nofs il-parti tal-gratuity moghtija lid-defunt bhala membru tal-Forzi Armati ta’ Malta kif mahduma fuq il-perjodu tal-impjieg tieghu matul iz-zwieg ma’ l-Attrici.

iii. LM879.23 rapprezentanti nofs il-valur tal-Life Insurance Policy Numru FP4 19368 f’isem Joseph Schembri mal-Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd;

iv. LM40.74 rapprezentanti nofs il-flus depozitati f’kontijiet bankarji f’isem id-defunt Joseph Schembri;

v. LM66.57 rapprezentanti nofs il-flus depozitati f’kont bankarju f’isem l-Attrici Mary Schembri fiz-zmien li miet zewgha;

vi. Fir-rigward tal-vettura, ladarba ma huwiex possibli li l-Attrici Mary Schembri tgawdi n-nofs indiviz ta’ l-istess in kwantu din tinstab f’idejn il-konvenut Dennis Schembri, ghandu jigi assenjat nofs il-valur taghha fiz-zmien tal-mewt tad-decuius, jigifieri LM1,162.

**79.** Tenut kont li, kif gia konkluz iktar 'il fuq, l-assi parafernali tal-premort Joseph Schembri jikkonsistu biss fis-somma ta' LM1,975.56, ma hemmx dubju li d-dhul minn sehem l-Attrici Mary Schembri mill-komunjoni ta' l-akkwisti terminata bil-mewt ta' zewgha kienu zgur jammontaw ghall-inqas daqs l-uzufrutt fuq nofs l-assi tal-premort Joseph Schembri. Ghaldaqstant, ai termini tal-artikolu 634(1) tal-Kap. 16 kif kienet taqra qabel l-emendi introdotti bl-Att XVIII ta' l-2004, dan il-jedd tal-usufrutt li kien moghti bis-sahha tal-artikolu 631(1) tal-Kap. 16 ma jistax jittiehed mill-konjugi superstiti Mary Schembri. Isegwi, li dak li hu dovut lilha huwa l-assenjazzjoni ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti bil-mod su dikjarat min din il-Qorti.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenuti** u **tichad l-ewwel talba Attrici;**

**Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-Konvenuti;**

**Tilqa' it-tieni talba Attrici** u tiddikjara li l-Atturi Vincent, Godwin u Maria ahwa Schembri huma ntitolati ghal-legittima fuq l-assi ereditarju tal-mejjet Joseph Schembri;

**Tilqa' it-tielet talba Attrici** u tillikwida l-legittima dovuta lil kull wiehed mill-Atturi ahwa Schembri fis-somma ta' Lm3,853.43 ekwivalenti ghal €8,976.08 kull wiehed u konsegwentement tikkundanna lill-Konvenuti jhallsu u jassenjaw lill-Atturi ahwa Schembri s-somma imsemmija ta' LM3,853.43 ekwivalenti ghal €8,976.08 kull wiehed flimkien mal-imghax legali fuq l-imsemmija sommom, dekorribli mid-data tal-ftuh tal-wirt ta' missierhom Joseph Schembri sal-jum tal-hlas effettiv u dan ghas-saldu ta' kull pretensjoni li talvolta seta' kellhom kontra l-eredita` ta' missierhom Joseph Azzopardi;

**Tilqa' r-raba' talba Attrici**, bil-valuri li ai fini ta' din it-talba diga` gew stabbiliti fit-talbiet l-ohra in kwantu jirrigwarda l-kalkolu ta' legittima tal-ahwa Azzopardi u drittijiet tal-Attrici ommhom Mary Azzopardi;

B'dana kollu tiddikjara wkoll, li ai finijiet ta' din it-talba Attrici, li l-jedd tal-legittima moghti lill-Attrici Mary Schembri ma jistax jittiehed minnha peress li, ai termini tal-artikolu 634(1), u cioe` kif kien jaqra qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XVII ta' l-2004, id-dhul ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti terminata bil-mewt ta' zewgha jammontaw ghal iktar mill-uzufrutt fuq nofs l-assi tal-premort Joseph Schembri.

**Tilqa' l-hames talba Attrici** u tiddikjara li r-raguni msemmija mit-testatur fir-raba' artikolu tat-testment tieghu tas-6 ta' Marzu 2003, li biha eskluda ghal

kollox mill-wirt tieghu lill-martu Attrici Mary Schembri, ma tiswiex billi ma kinitx raguni tajba fil-ligi, b'dana li ghar-ragunijiet imsemmija fir-raba' talba ma ghandhomx japplikaw l-effetti tal-artikolu 631 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tilqa' s-sitt talba Attrici** u tillikwida u tassenja *ope sententiam* lill-Attrici Mary Schembri s-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti konsistenti fis-segwenti:-

i. Nofs indiviz tal-fond matrimonjali "Josari", Carmel Street, Fgura kif soggett il-fond kollu ghad-dritt taghha ta' abitazzjoni kif fuq inghad;

ii. LM5,556.27 ekwivalenti ghal €12,942.63 depositata mat-Tezor, Sezzjoni Penzjonijiet, rapprezentnati s-somma li kien ibbenefika l-mejjet Joseph Schembri bhala membru tal-Forzi Armati ta' Malta bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv;

iii. LM879.23 ekwivalenti ghal €2,048.05 rapprezentanti nofs il-valur tal-Life Insurance Policy Numru FP4 19368 f'isem Joseph Schembri mal-Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd.;

iv. LM40.74 ekwivalenti ghal €94.90 rapprezentanti nofs il-flus depozitati f'kontijiet bankarji f'isem id-defunt Joseph Schembri;

v. LM66.57 ekwivalenti ghal €155.07 rapprezentanti nofs il-flus depozitati f'kont bankarju f'isem l-Attrici Mary Schembri fiz-zmien li miet zewgha;

vi. LM1,162 ekwivalenti ghal €2,706.73 rapprezentanti l-valur ta' nofs indiviz tal-vettura Daewoo Racer Hatchback bin-numru tar-registrazzjoni GAC 032 fiz-zmien tal-mewt tad-decuius Joseph Schembri.

Ai fini ta' din it-talba ghandu jiddekorri imghax legali fuq is-sommom imsemmija mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

**Tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuti hlief ghal dawk tal-ewwel talba Attrici li ghadhom ikunu sopportati mill-Atturi**.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**